MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 168/2010

**A B f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza u fl-interess tal-minuri C D**

**-vs-**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tas-27 ta' Mejju 2010 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti E D;
F G; u
Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza u fl-interess tal-minuri C D fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti hija legalment separata minn zewgha E D ta’ nazzjonalita’ Torka, konvenut f’din il-kawza, ai termini ta’ sentenza ta’ din l-istess Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, datata 24 ta’ April 2009, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok. JB1’;

Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni 415/2009 u li qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala ‘Dok. JB2’, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru 2009, l-esponenti welldet tarbija ta’ sess maskili bl-isem ta’ C, liema tifel huwa attur ukoll f’din il-kawza u ghal dan il-ghan qieghed jigi intavolat rikors kontestwali mar-rikors odjern sabiex l-attrici tinhatar bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri;

Illi meta l-minuri C, maghruf bil-kunjom D gie koncepit, l-esponenti u E D ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom stante illi kien ilhom *de facto* separati minn xulxin u in effetti E D kien ilu assenti minn Malta sa mis-sena 2006 u ghadu assenti *tutt’ora* tant illi qieghed jigi intavolat ukoll rikors kontestwalment mar-rikors odjern sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenut E D li huwa assenti, izda *cio nonostante* peress illi l-imsemmi minuri twieled entru t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, huwa gie registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid relattiv, bhala wild il-konvenut E D u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid relattiv;

Illi in effetti, il-minuri m’huwiex il-wild naturali tal-konvenut E D izda huwa l-wild naturali tal-konvenut l-iehor F G u dan kif jirrizulta mid-*DNA paternity test report* li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok. JB3’;

Illi ghar-ragunijiet premessi E D ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri C D u ghalhekk m’ghandux jibqa’ indikat bhala l-missier naturali tat-tarbija u dan ukoll ghaliex qatt ma kien hemm stat ta’ legittimita’ tal-minuri kif intiz mill-Artikolu 80 sub-inciz (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-fatti hekk dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti li qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha koncess ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tattakka l-legittimita' ta' binha minuri.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li E D m'huwiex missier it-tarbija C D;

Tirrikonoxxi bhala missier naturali tal-imsemmi minuri lill-intimat F G;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi C li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 415/2009 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem E D u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Dokument tal-identita'", "Eta'", "Fejn twieled", "Fejn joqghod", u "Isem u kujom il-missier u jekk hux haj jew mejjet".

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' fil-parti indikata bhala 'Missier it-tarbija' jitnizzel isem 'F G';

Fil-kolonna intestata 'Id-Dokument tal-Identita' fil-parti indikata bhala 'Missier it-tarbija' jitnizzel in-numru '363168(M)';

Fil-kolonna intestata 'Eta'' fil-parti indikata bhala 'Missier it-tarbija' jitnizzel '42';

Fil-kolonna intestata 'Fejn Twieled' fil-parti indikata bhala 'Missier it-tarbija' jitnizzel 'Fgura';

Fil-kolonna intestata 'Fejn Joqghod' fil-parti indikata 'Missier it-tarbija' jitnizzel 'Fgura';

Fil-kolonna intestata ‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’ fil-parti indikata bhala ‘Missier it-tarbija’ jitnizzel ‘Haj’;

Fil-kolonna intestata ‘Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha jigi sostitwit l-isem ‘C D’ bl-isem ‘C G B’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 27 ta’ Mejju 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja biex jirraprezentaw lill-assenti E D.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva illi huwa m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi;

Illi madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, biex tirnexxi din l-azzjoni jehtieg li tigi pprovata l-impossibilita’ fizika tal-kongungiment bejn ir-rikorrenti A B u E D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll li jigi pprovat li l-pussess ta’ stat tal-minuri C D ma jaqbilx mal-istat li jaghtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-

rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li wiegbu:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi binha C D m'huwiex wild zewgha li minnu hija mifruda izda huwa wild naturali ta' F G.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-talba taghha hija gustifikata. Hija rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi dak li ssostni. Dan sar partikolarment permezz tal-prova xjentifika, fejn l-ispizjara Cassar ikkonfermat bil-gurament li l-minuri huwa wild F G.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet kollha ta' A B u tiddikjara illi l-minuri C li twieled fit-23 ta' Novembru 2009 m'huwiex wild E D. Tordna illi mill-att tat-twelid Nru. 415 tas-sena 2009, mill-kolonna bit-taghrif dwar missier it-tarbija, jithassru l-konnotati kollha ta' E D u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' F G, Nru. tal-Karta tal-Identita' 363168(M), tal-eta' ta' tnejn u erbghin sena, imwieled Fgura u residenti Fgura ukoll. Isem it-tarbija jkun C G B.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------